I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

RAKKOMANDAZZJONIJIET

# IL-BORD EWROPEW TAR-RISKJU SISTEMIKU

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU

**tas-27 ta' Mejju 2020**

**dwar ir-restrizzjoni tad-distribuzzjonijiet waqt il-pandemija tal-COVID-19**

**(BERS/2020/7)**

(2020/C 212/01)

IL-BORD ĠENERALI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni Ewropea tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2)(b), (d) u (f) u l-Artikoli 16 sa 18 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni BERS/2011/1 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-20 ta' Jannar 2011 li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(3)(e) u l-Artikoli 18 sa 20 tagħha,

Billi:

(1) Il-kriżi tal-marda tal-coronavirus 2019 (COVID-19) żviluppat malajr minn emerġenza medika drammatika f'xokk ekonomiku serju, li għandu l-potenzjal li jevolvi fi kriżi finanzjarja sistemika. La huwa ċert ta' kemm ser iddum din il-kriżi, u lanqas ta' kemm tista' tkun serja. Huwa ċar li hemm bżonn li l-istituzzjonijiet finanzjarji jżommu ammont għoli biżżejjed ta' kapital biex jitnaqqas ir-riskju sistemiku u jikkontribwixxu għall-irkupru ekonomiku.

(2) Għadd ta' istituzzjonijiet membri tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS), jiġifieri l-Awtorità Bankarja Ewropea ([3]) (EBA), l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol ([4]) (EIOPA), il-Bank Ċentrali Ewropew ([5]) (BĊE) u ħafna awtoritajiet nazzjonali ħeġġew lill-banek, l-assiguraturi u r-riassiguraturi fl-Unjoni biex joqogħdu lura milli jagħmlu ħlasijiet volontarji (eż. dividendi, bonusijiet, u riakkwisti ta' ishma mmirati li jħallsu lill-azzjonisti). Dawn il-miżuri jistgħu jtejbu r-reżiljenza tas-settur finanzjarju, isaħħu l-kapaċità tiegħu li jsellef lill-ekonomija reali f'kundizzjonijiet ta' stress u jnaqqsu r-riskju ta' fallimenti ta' istituzzjonijiet finanzjarji minħabba r-riskji relatati mal-COVID19.

([1]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1.
([2]) ĠU C 58, 24.2.2011, p. 4.
([3]) https://eba.europa.eu/eba-provides-additional-clarity-on-measures-mitigate-impact-covid-19-eu-banking-sector.
([4]) https://www.eiopa.europa.eu/content/eiopa-statement-dividends-distribution-and-variable-remuneration-policies-context-covid-19_en.
([5]) Rakkomandazzjoni BĊE/2020/19 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-27 ta' Marzu 2020 dwar id-distribuzzjoni tad-dividendi matul il-pandemija tal-COVID-19 u li tħassar ir-Rakkomandazzjoni BĊE/2020/1 (ĠU C 102 I, 30.3.2020, p. 1).

(3) Il-BERS huwa responsabbli għas-sorveljanza makroprudenzjali tas-sistema finanzjarja fl-Unjoni u għandu jikkontribwixxi għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern u b'hekk jiżgura kontribut sostenibbli tas-settur finanzjarju għat-tkabbir ekonomiku. Filwaqt li l-BERS jilqa' u jappoġġja bis-sħiħ l-inizjattivi tal-istituzzjonijiet membri tiegħu, iqis ukoll li huwa meħtieġ li joħroġ rakkomandazzjoni biex jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet finanzjarji fis-settur finanzjarju li jistgħu joħolqu riskju għall-istabbiltà finanzjarja jżommu livelli għoljin ta' kapital.

(4) Din ir-Rakkomandazzjoni tirrikonoxxi l-imġiba proċiklika tal-banek, kif ukoll il-fatt li għandhom funzjoni kritika fl-ekonomija. Għandha l-għan li tillimita l-profitt u d-distribuzzjoni tal-kapital tal-banek sabiex iżżid ir-reżiljenza tagħhom matul il-kriżi u tippromwovi t-tislif meħtieġ lill-ekonomija reali. Għandha wkoll l-għan li tnaqqas ir-riskju li f'każijiet fejn il-gvernijiet jappoġġaw lill-banek matul il-kriżi, l-azzjonisti u l-maniġment ta' livell għoli jittrasferixxu l-allokazzjoni tal-kapital għall-benefiċċju tagħhom stess. Barra minn hekk, jekk il-banek jużaw ħlasijiet ta' dividendi bħala sinjal ta' saħħa għas-suq, dawn l-azzjonijiet jistgħu jimminaw il-pożizzjoni relattiva ta' istituzzjonijiet finanzjarji aktar prudenti li jistgħu jiġu stigmatizzati. Dan l-argument tal-aħħar jimmilita favur azzjoni b'bażi wiesgħa, ikkoordinata u obbligatorja. Id-ditti tal-investiment huma inklużi fil-lista tal-istituzzjonijiet finanzjarji skont din ir-Rakkomandazzjoni, peress li għandhom rwol importanti fil-funzjonament tas-suq u jistgħu jippreżentaw riskji simili għall-banek.

(5) Din ir-Rakkomandazzjoni tirrikonoxxi r-riskju impost minn din il-kriżi fuq is-solvenza tal-assiguraturi u r-riassiguraturi. Huwa probabbli li se jkun hemm tnaqqis fil-flussi ta' flus minn negozju ġdid, flimkien ma' obbligazzjonijiet ogħla minħabba perjodu estiż ta' rati tal-imgħax baxxi ħafna u redditi aktar baxxi mill-assi fil-futur. Minħabba li l-assiguraturi u r-riassiguraturi għandhom rwol kritiku fis-settur finanzjarju hemm ukoll ir-riskju ta' strateġija komuni għat-tneħħija tar-riskji, bħall-bejgħ ta' bonds korporattivi b'rendiment ogħla, li jkunu amplifikati bi tnaqqis fil-grad fuq skala kbira. Barra minn hekk, l-istess argument imqajjem għall-banek fir-rigward tal-ħlasijiet ta' dividendi bħala sinjal ta' saħħa għas-suq u l-istigma assoċjata ta' restrizzjonijiet tikkonċerna wkoll lill-assiguraturi u r-riassiguraturi.

(6) Din ir-Rakkomandazzjoni hija mfassla biex tkopri lill-kontropartijiet ċentrali (CCPs) minħabba r-rwol sistemikament importanti tagħhom fl-ikklirjar ta' tranżazzjonijiet tas-suq finanzjarju. Billi jżommu riżorsi proprji addizzjonali, is-CCPs ikunu jistgħu jilqgħu għal telf mhux inadempjenti, li huwa partikolarment rilevanti fir-rigward tar-riskju operazzjonali, li CCPs ikopru bir-riżorsi proprji tagħhom minflok b'kontribuzzjonijiet minn membri tal-ikklirjar. Din ir-Rakkomandazzjoni ser tiżgura konsistenza bejn l-istituzzjonijiet finanzjarji fi żmien meta d-dħul ta' CCPs jista' jibbenefika minn volumi ogħla ta' tranżazzjonijiet tas-suq, u fejn rilevanti, ser tippermetti lis-CCPs iżidu r-riskju dirett tagħhom fil-kaskata tal-inadempjenza fuq bażi volontarja, fid-dawl tar-riskji ġeneralment akbar minħabba l-volatilità ogħla tas-suq. Fl-aħħar nett, huwa previst li ż-żamma ta' fondi proprji f'CCPs tnaqqas il-probabbiltà li wieħed ikollu jdur fuq flus il-kontribwenti f'każ ta' telf (relatat jew mhux relatat ma' inadempjenzi) fi żmien fejn l-infiq fiskali diġà jinsab partikolarment taħt pressjoni. B'mod ġenerali, huwa importanti għal CCPs li jżommu riżorsi proprji prefinanzjati adegwati minbarra l-marġnijiet inizjali u l-fondi ta' inadempjenza.

(7) Din ir-Rakkomandazzjoni għandha l-għan li tkopri dawk l-azzjonijiet minn istituzzjonijiet finanzjarji li jirriżultaw fi tnaqqis fl-ammont u fil-kwalità tal-fondi proprji tagħhom jew fi tnaqqis tal-kapaċità tagħhom ta' assorbiment ta' telf għad-durata tal-kriżi relatata mal-COVID-19. Dan jinkludi l-ħlas ta' dividendi, ir-riakkwisti ta' ishma ordinarji u l-ħlas ta' rimunerazzjoni varjabbli. Jekk istituzzjoni finanzjarja riedet tissostitwixxi l-ishma ordinarji, dan ikun konformi ma' din ir-Rakkomandazzjoni.

(8) Din ir-Rakkomandazzjoni tirrikonoxxi l-prinċipji li jirregolaw is-Suq Uniku u r-rwol tal-moviment liberu tal-kapital fit-tisħiħ tat-tkabbir u l-kondiviżjoni tar-riskju fi ħdan l-Unjoni. L-għan tagħha huwa li tieħu inkunsiderazzjoni r-riskji ta' esternalitajiet negattivi potenzjali li jirriżultaw minn deċiżjonijiet ta' istituzzjonijiet finanzjarji transkonfinali matul żminijiet ta' diffikultà. Ħarba lejn is-sikurezza jew preġudizzju domestiku, li spiss iseħħu fi żminijiet ta' diffikultà finanzjarja, jista' jkollhom effetti negattivi fuq l-ekonomiji lokali. Din ir-Rakkomandazzjoni tissuġġerixxi li l-awtoritajiet rilevanti jidħlu fi djalogu meta jikkunsidraw l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet fuq il-ħlasijiet li jinħarġu mis-sussidjarji tal-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Unjoni.

(9) Ir-reġimi regolatorji jvarjaw bejn is-setturi u l-Istati Membri u l-awtoritajiet rilevanti għandhom jikkunsidraw li jużaw kwalunkwe għodda superviżorja disponibbli għalihom, kemm skont id-dritt tal-Unjoni kif ukoll dak nazzjonali, bħal rakkomandazzjonijiet jew linji gwida, biex jinkisbu l-objettivi ta' din ir-Rakkomandazzjoni, sa fejn huwa permess mil-liġi.

(10) Din ir-Rakkomandazzjoni tipprovdi għal lista ta' istituzzjonijiet finanzjarji li, bħala minimu, għandhom ikunu soġġetti għar-restrizzjonijiet. L-awtoritajiet huma liberi li jimponu r-restrizzjonijiet fuq istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn li jipprovdu tislif lill-ekonomija reali, bħal kumpaniji ta' lokazzjoni finanzjarja.

(11) Din ir-Rakkomandazzjoni hija mfassla biex tappoġġa l-inizjattivi preċedenti tal-BĊE, l-EBA, l-EIOPA u l-awtoritajiet nazzjonali u biex issaħħaħ il-każ għal approċċ uniformi madwar l-Unjoni u bejn segmenti differenti tas-settur finanzjarju, filwaqt li tqis ir-rwol kritiku ta' dawn is-segmenti għall-ekonomija reali fi żminijiet ta' kriżi. L-għan aħħari huwa li jifdal livelli suffiċjenti ta' kapaċità ta' assorbiment ta' kapital u ta' telf fl-istituzzjonijiet finanzjarji biex jittaffa l-impatt tal-kriżi attwali sabiex b'hekk jikkontribwixxu għal irkupru b'inqas xkiel għall-ekonomija pan-Ewropea kollha kemm hi.

(12) Din ir-Rakkomandazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-mandati tal-politika monetarja tal-banek ċentrali fl-Unjoni.

(13) Ir-rakkomandazzjonijiet tal-BERS jiġu ppubblikati wara li jkunu ġew infurmati d-destinatarji, u wara li l-Bord Ġenerali jkun informa lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-intenzjoni tiegħu li jagħmel dan u sakemm il-Kunsill ikollu l-opportunità li jirreaġixxi.

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

TAQSIMA 1

## RAKKOMANDAZZJONI

### Rakkomandazzjoni A — Restrizzjoni fuq id-distribuzzjonijiet

Huwa rrakkomandat li mill-inqas sal-1 ta' Jannar 2021, l-awtoritajiet rilevanti jitolbu lill-istituzzjonijiet finanzjarji taħt il-mandat superviżorju tagħhom ([6]) biex joqogħdu lura milli jwettqu xi waħda mill-azzjonijiet li ġejjin:

(a) jagħmlu distribuzzjoni ta' dividendi jew jagħtu impenn irrevokabbli li jagħmlu distribuzzjoni ta' dividendi;

(b) jagħmlu riakkwist ta' ishma ordinarji;

(c) joħolqu obbligu li titħallas rimunerazzjoni varjabbli lil min jieħu riskju materjali,

li jkollha l-effett li tnaqqas il-kwantità jew il-kwalità tal-fondi proprji fil-livell tal-grupp tal-UE (jew fil-livell individwali fejn l-istituzzjoni finanzjarja ma tkunx parti minn grupp tal-UE), u, fejn xieraq, fil-livell subkonsolidat jew individwali.

TAQSIMA 2

## IMPLIMENTAZZJONI

### 1. Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

   (a) "awtorità rilevanti" tfisser:

      (i) awtorità kompetenti;

      (ii) awtorità fdata bl-adozzjoni u/jew l-attivazzjoni ta' miżuri tal-politika makroprudenzjali, inkluż iżda mhux biss:

         1. awtorità maħtura skont il-Kapitolu 4 tat-Titolu VII tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) jew l-Artikolu 458(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]);

         2. awtorità makroprudenzjali bl-objettivi, l-arranġamenti, il-kompiti, is-setgħat, l-istrumenti, ir-rekwiżiti ta' akkontabilità u karatteristiċi oħrajn stipulati fir-Rakkomandazzjoni BERS/2011/3 ([9]).

([6]) Dan ma jinkludix lill-frieghi ta' istituzzjonijiet finanzjarji.

([7]) Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

([8]) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

([9]) Ir-Rakkomandazzjoni BERS/2011/3 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tat-22 ta' Diċembru 2011 dwar il-mandat makroprudenzjali tal-awtoritajiet nazzjonali (ĠU C 41, 14.2.2012, p. 1).

(b) "awtorità kompetenti" tfisser l-awtorità kompetenti jew superviżorja kif iddefinita fil-punt (40) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, fl-Artikolu 13(10) tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]), jew imsemmija fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]), kif applikabbli;

(c) "istituzzjoni finanzjarja" tfisser kwalunkwe waħda mill-impriżi li ġejjin li għandhom l-uffiċċju prinċipali jew l-uffiċċju reġistrat tagħhom fl-Unjoni:

 (i) istituzzjoni kif iddefinita fil-punt (3) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

 (ii) impriża tal-assigurazzjoni kif iddefinita fl-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2009/138/KE;

 (iii) impriża tar-riassigurazzjoni kif iddefinita fl-Artikolu 13(4) tad-Direttiva 2009/138/KE;

 (iv) kontroparti ċentrali kif iddefinita fil-punt 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;

(d) "min jieħu riskju materjali" tfisser membru ta' kategorija ta' persunal li l-attivitajiet professjonali tiegħu għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni finanzjarja, inkluż membru ta' kategorija ta' persunal imsemmija fl-Artikolu 92(2) tad-Direttiva 2013/36/UE jew il-punt (c) tal-Artikolu 275(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/35 ([12]) jew il-maniġment ta' livell għoli ta' kontroparti ċentrali kif iddefinit fl-Artikolu 2(29) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, kif applikabbli;

(e) "awtorità ta' riżoluzzjoni" trfisser l-awtorità kif iddefinita fil-punt (18) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/59/UE ([13]).

## 2. **Eżenzjonijiet**

L-awtoritajiet rilevanti jistgħu jeżentaw lil istituzzjoni finanzjarja mir-restrizzjoni li twettaq xi waħda mill-azzjonijiet fil-punti (a) sa (c) tar-Rakkomandazzjoni A jekk dik l-istituzzjoni finanzjarja hija legalment obbligata li twettaq dik l-azzjoni.

## 3. **Kriterji għall-implimentazzjoni**

1. Il-kriterji li ġejjin japplikaw għall-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni mill-awtoritajiet relevanti:

 (a) għandu jitqies kif meħtieġ il-prinċipju tal-proporzjonalità, filwaqt li tittieħed inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, in-natura tal-istituzzjonijiet finanzjarji u l-kapaċità tagħhom li jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tar-riskju sistemiku għall-istabbiltà finanzjarja li jirriżulta mill-kriżi tal-COVID-19 u għall-irkupru ekonomiku;

 (b) l-arbitraġġ regolatorju għandu jiġi evitat;

 (c) l-awtoritajiet rilevanti għandhom jivvalutaw regolarment l-impatt tar-restrizzjonijiet fuq id-distribuzzjonijiet li jkunu imponew fid-dawl tal-objettivi ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

2. Il-kriterji speċifiċi li ġejjin japplikaw għall-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni A (a) u (b): Huwa rrakkomandat li meta l-awtoritajiet rilevanti jevalwaw jekk ikunx xieraq li jiġu applikati r-restrizzjonijiet fil-livell subkonsolidat jew f'livell individwali, huma għandhom jaderixxu mal-prinċipji li ġejjin:

 (a) **Prinċipju 1:** Filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġi evitat jew mitigat ir-riskju sistemiku għall-istabbiltà finanzjarja fl-Istat Membru tagħhom u fl-Unjoni, l-awtoritajiet rilevanti għandhom jappoġġaw il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern u jirrikonoxxu l-ħtieġa li s-settur finanzjarju jipprovdi kontribut sostenibbli għat-tkabbir ekonomiku fl-Istati Membri u fl-Unjoni kollha kemm hi.

 (b) **Prinċipju 2:** L-awtoritajiet rilevanti għandhom jiżguraw li kwalunkwe restrizzjoni ma tinvolvix effetti negattivi sproporzjonati fuq is-sistema finanzjarja kollha jew partijiet minnha fi Stati Membri oħra jew fl-Unjoni kollha kemm hi.

 (c) **Prinċipju 3:** L-awtoritajiet rilevanti għandhom jikkooperaw mill-qrib ma' xulxin u mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni rilevanti, inkluż f'kulleġġi, fejn applikabbli.

---

([10]) Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1).

([11]) Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).

([12]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/35 tal-10 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2009/138/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u r-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 12, 17.1.2015, p. 1)

([13]) Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190).

4. **Skeda ta’ żmien għas-segwitu**

Skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010, id-destinatarji jridu jikkomunikaw lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-BERS, l-azzjonijiet li jkunu ħadu b’reazzjoni għal din ir-Rakkomandazzjoni jew jissostanzjaw kull nuqqas ta’ azzjoni. Il-komunikazzjonijiet għandhom jintbagħtu billi tiġi ppreżentata l-formola fl-Anness sal-31 ta’ Lulju 2020.

5. **Emendi għal din ir-Rakkomandazzjoni**

Il-Bord Ġenerali għandu jiddeċiedi jekk u meta jeħtieġ li tiġi emendata din ir-Rakkomandazzjoni. Tali emendi jistgħu jinkludu, b’mod partikolari, l-estensjoni tal-perjodu li matulu tapplika r-Rakkomandazzjoni A.

6. **Monitoraġġ u evalwazzjoni**

1. Il-Bord Ġenerali għandu jivvaluta l-azzjonijiet u l-ġustifikazzjonijiet ikkomunikati mid-destinatarji u, fejn xieraq, jista’ jiddeċiedi li din ir-Rakkomandazzjoni ma ġietx segwita u li destinatarju naqas milli jipprovdi ġustifikazzjoni adegwata għan-nuqqas ta’ azzjoni tiegħu.

2. Il-metodoloġija ppreżentata fil-Manwal dwar il-valutazzjoni tal-konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-BERS, li tiddeskrivi l-proċedura għall-valutazzjoni tal-konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-BERS, mhijiex applikabbli.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-27 ta’ Mejju 2020.

*Il-Kap tas-Segretarjat tal-BERS,*
*f’isem il-Bord Ġenerali tal-BERS*
Francesco MAZZAFERRO

*ANNESS*

**Komunikazzjoni tal-azzjonijiet meħuda bħala b'risposta għal din ir-Rakkomandazzjoni**

1. **Dettalji tad-destinatarju**

| | |
|---|---|
| Rakkomandazzjoni | |
| Pajjiż tad-Destinatarju | |
| Istituzzjoni | |
| Kapaċità (*) | |
| L-isem u d-dettalji ta' kuntatt tar-rispondent | |
| Data tal-komunikazzjoni | |

(*) Jekk jogħġbok indika f'liema kapaċità qiegħed twieġeb, jiġifieri l-awtorità kompetenti jew superviżorja skont il-punt (40) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-Artikolu 13(10) tad-Direttiva 2009/138/KE, l-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jew l-awtorità makroprudenzjali.

2. **Komunikazzjoni ta' azzjonijiet**

| Rakkomandazzjoni | Tikkonforma? (iva/le/mhux applikabbli) | Jekk jogħġbok iddeskrivi l-azzjonijiet meħuda għall-konformità | Jekk ma tikkonformax, jew tikkonforma parzjalment, agħti ġustifikazzjoni adegwata | Jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji (eż. link, Gazzetta tal-Gvern, numru tal-pubblikazzjoni) tal-miżura adottata b'risposta għal din ir-Rakkomandazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| Rakkomandazzjoni A(a) | | | | |
| Rakkomandazzjoni A(b) | | | | |
| Rakkomandazzjoni A(c) | | | | |

3. **Noti**

1. Din il-formola tintuża għall-komunikazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010.
2. Kull destinatarju għandu jissottometti l-formola mimlija lill-BERS permezz tas-Segretarjat tal-BERS elettronikament permezz ta' DARWIN fil-folder apposta jew permezz tal-posta elettronika lil notifications@esrb.europa.eu. (Is-Segretarjat tal-BERS ser jagħmel arranġamenti għat-trażmissjoni tal-komunikazzjonijiet lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, fuq bażi aggregata).
3. Id-destinatarji huma mistennija jipprovdu l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni rilevanti kollha marbuta mal-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni u l-kriterji għall-implimentazzjoni, inkluża informazzjoni dwar is-sustanza (bħal dwar il-forma ġuridika tal-miżura u dwar it-tip ta' istituzzjonijiet finanzjarji koperti) u ż-żmien meta ttieħdu l-azzjonijiet.
4. Jekk destinatarju jikkonforma biss parzjalment, għandu jipprovdi spjegazzjoni sħiħa tal-grad tan-nuqqas ta' konformità, kif ukoll dettalji oħra tal-konformità parzjali. L-ispjegazzjoni għandha tispeċifika b'mod ċar il-partijiet rilevanti tar-rakkomandazzjoni li ma jikkonformawx magħhom id-destinatarji.